**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Christopher LaFerla (KI 767451M), Professur Godfrey LaFerla (KI 452354M), Maria Dolores sive May armla minn Victor LaFerla (KI 602127M), Elfrida mart legalment separata minn Antonio Guillaumier (KI 817851M), Margaret armla minn Dottor Alfred LaFerla (KI 357020M), Monica Agius (KI 93941M), Maria Antoinette sive Maureen mart Joseph Camilleri (KI 216344M), Rosaria sive Rose armla minn Dottor Carmel Agius (KI 716153M), Godfrey Agius (KI 587849M), Henry sive Henri Agius (KI 56658M), Stephen Muscat (KI 434348M), Nutar Elizabeth Amalia mart l-Avukat Mark Said (KI 526860M), Joan mart legalment separata minn Michael DeMaria (KI 675455M), Austin Demajo (KI 118858M), Patrick Demajo (KI 561060M)**

***Vs***

**Paola armla minn John Scicluna (KI 0346942M)**

**Rik Nru: 111/2019**

**Illum 26 ta' Settembru 2019**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors guramentat ta' **Christopher LaFerla et** li jaqra hekk:

1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond 7 Sqaq Nofsinhar, Haz Zabbar li huma jikru lill-intimata bil-kera ta' €209.63c fis-sena li jithallsu kull sitt xhur bil-quddiem, kull l-1ta' Frar u l-1ta' Awissu ta' kull sena, liema kera tigi awmentata a tenur tal-Att X tal-2009.

2. Illi l-inkwilina ghandha dependenza permanenti u totali fuq l-istituzzjoni ossia Serenity Ward 2, St.Vincent De Paule, Luqa u ai termini tal-artikolu 1555A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-intimata Scicluna m'ghandhiex dritt li tibqa' tghix fil-fond in kwistjoni u ghandha tirritorna l-fond battal lir-rikorrenti.

3. Illi m'hemm l-ebda persuna ai termini tal-Artikolu 1531F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandu dritt jibqa' jghix fil-fond in kwistjoni, stante li l-fond mhux okkupat.

4. Illi r-rikorrenti ma accettawx il-kera tal-fond in kwistjoni.

5. Illi l-intimata sa fejn jafu ir-rikorrenti, m'għandhiex difiża x'tagħti kontra t-talba taghhom.

6. Illi huma jafu lilhom nfushom bil-fatti kif fuq esposti u Christopher LaFerla jikkonferma dan bil-ġurament tieghu.

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghall-izgumbrament ta' l-intimata wara l-31ta' Lulju 2019 mill-fond 7 Sqaq Nofsinhar, Haz Zabbar .

Ghaldaqstant, l-esponenti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensati mis-smigh tal-kawza odjerna bil-proceduri sommarji specjali kif stabbiliti mill-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord biex jordna lill-intimata biex tidher quddiem il-Bord fil-ġurnata u ħin kif stabbilit mill-istess Bord u f'każ li l-intimata tkun kontumaċi f'dik is-seduta, jew inkella jekk hija tonqos milli turi f'dik is-seduta li jkollha difiża li tiswa' u li tista' tagħmel sabiex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, l-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera għandu:

1. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-lokazzjoni tal-fond 7 Sqaq Nofsinhar, Haz Zabbar mikri mir-rikorrenti proprjetarji lill-intimata ghandha tigi terminata ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk wara il-31ta' Lulju 2019 a tenur ta' l-istess Liġi peress illi t-terminu tal-lokazzjoni għalaq, konsegwentement jigi ordnat l-iżgumbrament li għandu jsir fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dan il-Bord u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan il-Bord jogghbu xieraq u opportun.

2. Jillikwida d-danni in kompensazzjoni relattivi in kwistjoni mill-1ta' Awissu 2019 sal-effettiv zgumbrament.

3. Jikkundanna lill-intimat jhallas dik is-somma hekk likwidata bl-imghax legali sal-effettiv zgumbrament.

4. Bl-ispejjez u bl-inġunzjoni ta’ l-intimati għas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata.

Ra li l-intimata debitament notifikata ma dehritx fis-seduta tallum sabiex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Sema’ x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra

Illi rrizulta li l-fond mertu tal-proceduri odjerni, proprjeta’ tar-rikorrenti, kien mikri lill-intimata. Biss pero’ huwa evidenti li l-intimata abbandunat dan il-fond billi minhabba sahhitha hija giet rikoverata fl-istituzzjoni St Vincent De Paule. Hekk kif xehed wiehed mir-rikorrenti familjari tal-intimata ikkomunikaw mieghu li kienu se jroddu c-cavetta u r-ritratti ezebiti juru li l-fond mhux qieghed jintuza’. Oltre’ dan l-inkwilina intalbet diga’ biex tizgombra izda baqghet inadempjenti.

Illi l-intimata ma dehritx illum sabiex jew tikkontesta l-inapplikabilita’ tal-procedura odjerna jew altrimenti biex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti ddikjaraw li mhux qed jinsisti ghat-tieni u t-tielet talbiet taghhom.

Fid-dawl tal-provi jirrizulta li t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti huma misthoqqa.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talbiet, jilqa’ l-ewwel talba u ghalhekk jordna lill-intimata tizgombra mill-fond fit-terminu perentorju ta’ tletin (30) gurnata millum.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimata.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**

**Cora Azzopardi**

**Deputat Registratur**